# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali ta' l-Għasri

## It-Tmien Leġislatura

**Laqgħa Nru. 44** It-Tnejn 16 ta' Jannar 2022

Il-Kunsill Lokali ta' l-Għasri ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Nru 6, Triq Dun Karm Caruana, GSR 1021, L-Għasri, Għawdex, Malta, fis-7:00 ta' filgħaxija.

Preżenti:

| | |
|---|---|
| Dr. Daniel Attard | - Sindku |
| Is-Sur Emmanuel Mintoff | - Viċi Sindku |
| Is-Sinjura Elizabeth Mintoff | - Kunsilliera |
| Is-Sur Salvatore Felice Pace | - Kunsillier |
| Is-Sur Sammy Saliba | - Kunsillier |

Assenti b'Apoloġija (skont Ordni Permanenti 14A (3)):

Benjamin Zammit - Ambaxxatur taż-Żgħażagħ

Assenti:

n/a

Uffiċjal Preżenti:

Is-Sinjura Rita Mifsud Attard - Segretarju Eżekuttiv



6, Triq Dun Karm Caruana, L-Għasri GSR 1021, Għawdex, Malta.
Tel: (+356) 21558686 • email: ghasri.lc@gov.mt • www.ghasri.com

Is-Sindku Dr. Daniel Attard ippresjeda l-laqgħa.

## 44.1 Qari ta' lttri ta' apoloġija;

**44.1.01** L-Ambaxxatur taż-Żgħażagħ, Benjamin Zammit informa lis-Segretarja permezz ta' messaġġ li ma setax jattendi.

## 44.2 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-Minuti 8-43.

**44.2.01** Il-Minuti tal-Laqgħa Numru 43 ġew ċirkulati minn qabel u għalhekk ittieħdu bħala moqrija, dawn ġew approvati unanimament.

## 44.3 Komunikazzjoni mis-Sindku u Korrispondenza.

**44.3.01** Il-Kunsill ġie mitlub sabiex teħel tabella "No Offroading" fi Triq iż-Żebbuġ peress li qed issir ħsara fir-raba privat. Il-Kunsilliera qablu li teħel tabella.

**44.3.02** Il-Kunsill ġie mitlub iwaħħal "railing" fuq bankina fi Triq Salvu Gambin peress li r-resident qed issib diffikulta joħroġ mid-dar. Il-Kunsilliera qablu li din issir.

**44.3.03** Emejl mingħand Galea Curmi Engineering dwar installazzjoni ta' bozza ġdida fi Triq il-Fanal. Peress li ħadd ma jrid li l-bozza mal-faċċata tiegħu ser ikun hemm bżonn li jeħel arblu ġdid. Dan ser jiġi jiswa madwara €3,000. Il-Kunsilliera approvaw din il-bozza ġdida.

**44.3.04** Korrispondenza mingħand id-Direttur Gvern Lokali dwar talba għall-fond ta' aġġustament għas-sena 2023. Is-Sindku qal li din is-sena l-ammont ta'€3,288 ser jintuża għall-attivitajiet u ħarġiet kulturali. Is-Segretarja għandha timla l-formula skont dan.

**44.3.05** Ġie diskuss il-BOQ tal-bankini (kif kien ġie diskuss fil-laqgħa preċedenti). Is-Sindku talab xi emendi. Is-Segretarja għandha tkellem lil-*Project Manager* dwar dawn.

**44.3.06** Il-Kunsill irċieva korrispondenza mingħand ir-Reġjun Għawdex dwar l-ideat tal-istudenti li nġabru mill-lokalità tal-Għasri. Ir-Reġjun ser jorganizza serje ta' *workshops* bejn is-Sindku u ż-żgħażagħ biex ikomplu jsaħħu l-vuċi taż-żgħażagħ. Id-data proposta hija l-4 ta' Marzu mill-10 sas-1p.m. Is-Sindku talab sabiex il-Reġjun jinforma lil dawn iż-żgħażagħ biex jagħmlu kuntatt mal-Kunsill dirett.

**44.3.07** Emejl mingħand ir-Reġjun Għawdex dwar 8 *point plan* għal Għawdex. Il-Kunsill ma għamilx proposti/emendi.

**44.3.08** Emejl mingħand il-Kunsill Lokali tar-Rabat Għawdex dwar *no objection* għall-isem tat-Triq l-Għasri minn triq l-Għarb sa Triq Dun Karm Caruana. Is-Segretarja bagħtet din l-emejl lil-Kumitat tal-Ismijiet tat-Toroq Għawdex.

**44.3.09** Emejl mingħand id-Direttur Ġenerali, Gvern Lokali dwar inizjattivi minn Kunsilli Lokali relatati mal-ġbir tal-iskart. Il-Kunsilli ma jistgħux jagħmlu servizzi addizzjonali jew servizzi barra mill-iskeda nazzjonali.

**44.3.10** Korrispondenza mingħand l-Awtorità tal-Ippjanar dwar l-Appell 0347/22 Is-Sindku qal li hu ser ikun imsiefer (propju fuq l-ajruplan) fil-ħin tas-smiegħ tal-Appell nhar it-2 ta' Marzu fis-2.30 u talab li xi ħadd mill-Kunsill jidħol għas-smiegħ flimkien mal-avukat inkarigat. Huma mportanti li jiġu enfasizzati l-punti li dawn l-applikazzjonijiet mhumiex jiġu użati bħala *sheep farms* u mhux jsir *enforcement*; u li dawn l-applikanti għandhom l-ewwel jaraw teżistiex alternattiva billi jużaw *farms* diġa mibnijin u mhux jintużaw.

**44.3.11** Emejl mingħand id-Direttur *Finance and Procurement Compliance* LGD dwar *Unaudited Financial Statements* 2022. Dawn iridu jitlestaw qabel l-24 ta' Frar 2023.

**44.3.12** Ċirkulari Numru 11/2022 – Emendi fir-Regolamenti dwar Gvern Lokali (Rizorsi Umani) Leġislazzjoni Sussidjarja 363.20.

**44.3.13** Direttiva 1/2023 – *Performance Appraisal* tas-Segretarji Eżekuttivi.

**44.3.14** Ittra mingħand Toni Calleja dwar l-isem tal-Għasri *Recreation Park*. Hu ssuġġerixxa li l-isem ikun Ġnien Kenn is-Salvatur minflokk Ġnien Kenn tas-Salvatur. Il-Kunsilliera qablu ma dan is-suġġeriment.

**44.3.15** Kwotazzjonijiet għall-stampar tat-tielet u l-aħħar ktieb dwar il-parroċċa tal-Għasri. Il-Kunsill kien ħa deċizjoni fil-laqgħa numru 30 (29/11/21) biex jikkollabora mal-kittieb ta' dan il-ktieb. Għal dan il-għan inġabru kwotazzjonijiet. Il-Kunsill għażel l-orħos waħda bil-prezz ta' 2750+VAT.

**44.3.16** Il-Kunsill irċieva risposta għat-talba tal-Kunsill magħmula fit-3 ta' Novembru 2022 għall-*speed hump* fi Trejqet Dun Ġużepp Cassar. Il-Kunsill ġie mitlub jissotometti dikjarazzjoni mingħand ir-residenti li huma jaqblu mas-sit ta' fejn ser teħel l-i*speed hump*.

**44.3.17** Il-Kunsill irċieva r-riżultati tal-kompetizzjoni tad-dekorazzjonijiet tat-twieqi u bibien tal-Milied. Is-sindku ssuġġerixxa li r-riżultati jitwaħħlu fin-*notice board*. Dawn ser jingħataw il-premju kif kien imħabbar.

**44.3.18** Korrispondenza mingħand Kevin Vella dwar pagament ta' kontijiet pendenti. Is-Sur Vella qed jitlob €2,032.25 fi ħlas ta' affarijiet mixtrija u servizzi mogħtija mill-Kumitat tal-Festa. Is-Segretarja enfasizzat li hi għandha bżonn irċevuti fiskali għall-affarijiet mixtrijin minnu u kontijiet fiskali għas-servizzi li qed jiġu msemmija fl-emejl. Is-Segretarja qalet li hi responsabbli mill-fondi tal-kunsill u dawn l-ammonti ma jistgħux jitħalsu mingħajr dawn id-dokumenti. Fil-fatt riċentament kien hemm kunsilliera li xtraw xi affarijiet u dawn ġew rimborżati meta ppreżentaw d-dokumenti. Din hija proċedura normali. Is-Sindku u l-kunsilliera qablu li meta dawn id-dokumenti jiġu preżentati l-Kunsill jagħmel il-ħlas.

**44.3.19** Is-Sindku talab sabiex il-ġebel tas-sejjieħ li hemm fl-għalqa tal-familja tiegħu jitneħħa. Il-kuntrattur tal-kunsill tefa l-gebel fl-għalqa tal- familja tiegħu biex jinbena l-ħajt tat-triq u dan l-ħajt qatt ma sar. Is-Sindku qal li ma jistax ikun jibqa hemm.

**44.3.20** Is-Sindku qal li fir Triq Wied l-Għasri hemm bzonn li jitranġa il-gandott tal-ilma flimkien mal-ħajt tas-sejjieħ peress li parti mill-gandott ġie mblukkat. Il-Kuntrattur tal-Kunsill għandu jmur jara.

**44.3.21** Is-Sindku talab biex issir laqgħa mal-kumitat biex jiġi diskuss it-tiżjin tal-Milied għal din is-sena. Ġie nnotat li diġa saret laqgħa ta' dan it-tip fil-passat iżda ma kien sar xejn minn dak li ntqal mill-membri tal-Kumitat.

## 44.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri;

**44.4.01** Sammy Saliba ġibed l-attenzjoni dwar il-periklu li hemm fil-kantuniera ta' Triq il-Fanal ma' Triq Għammar. Il-Kunsill talab lil TM darbtejn biex jagħmlu sinjali sofor f'din il-kantuniera iżda dawn it-talbiet ġew irrifjutati. Is-Sindku ssuġġerixxa li l-Kunsill jerġa jagħmel talba oħra. Il-Kunsillier Elizabeth Mintoff qalet li għada ser ikolna laqgħa mal-Pulizija u din għandha titqajjem waqt din il-laqgħa.

**44.4.02** Il-Viċi Sindku staqsa dwar il-proġett tat-tisbiħ tal-pjazza. Is-Segretarja qalet li kellha issir laqgħa *online* iżda kienet għada ma ġietx iffissata. Il-Kunsilliera ftehmu li din tista ssir nhar l-Erbgħa 18 ta' Jannar fit-3. Is-segretarja offriet li minn irid jiġi fil-kunsill u jidħol fil-laqgħa minn hemm jista jagħmel dan.

**44.4.03** Il-Kunsillier Sammy Saliba talab sabiex jinqata l-ħaxix fi Triq tal-Fenek (fuq il-parti ta' ġewwa).

**44.4.04** Il-Kunsillier Sammy Saliba qal li ser tiġi organizzata ikla tal-Karnival nhar is-Sibt 18 ta' Frar u talab li l-Kunsill jgħin f'din l-attività permess ta' *entertainment* u ħelu li jitqassam lil dawk preżenti. Il-Kunsilliera qablu li lesti jħallsu l-ispejjeż tal-*entertainment* bħal xi ħadd li jdoqq l-*accordion* u prinjolata żgħira lil dawk preżenti.

## 44.5 Approvazzjoni tal-Baġit 2023 u Rapport ta' kull kwart Ottubru - Diċembru 2023;

**44.5.01** Baġit 2023. Dan id-dokument kien diġa tqassam u għalhekk il-Kunsilliera kienu diġa rawh. Ma kienx hemm domandi dwaru. Il-Kunsill iddiskuta u approva unanimament dan ir-rapport.

**44.5.02** Rapport ta' Kull Kwart Ottubru – Diċembru 2023. Ġie ppreżentat ir-rapport. Il-Kunsilliera approvaw unanimament dan ir-rapport.

## 44.6 *Weekend Break* organizzat mill-Kunsill;

**44.6.01** Is-Sindku qal li kulħadd diġa ġie nformat dwar il-*weekend break* li qed jiġi organizzat mill-Kunsill bejn it-10 u 12 ta' Frar 2023. Dan ser jiġi ssusidjat mill-Kunsill. Il-Kunsillier Salvatore Felice Pace staqsa dwar dawk il-persuni li r-residenza tagħhom mhux mill-Għasri. Is-Sindku qal li s-sussidju huwa żgħir u għalhekk ma tagħmilx differenza. Is-Segretarja qalet li hi qeda tiġbor il-kwotazzjonijiet għall-akkomodazzjoni u għandha bżonn il-programm sabiex tiġbor il-kwotazzjonijiet tat-trasport f'Malta. Is-Sindku qal li hu diġa għandu kwotazzjoni u ser jibgħata lis-Segretarja kif ukoll il-programm. Il-programm ġie diskuss waqt il-laqgħa u ġie deċiż li l-Kunsillier Elizabeth Mintoff flimkien mas-Segretarja jemendaw dan il-programm.

## 44.7 Xogħlijiet Kapitali fl-Għasri.

**44.7.01** Beda x-xogħol fi Trejqet Ġesù Nazzareno. Il-Viċi Sindku qal li hu mar fuq il-post mal-perit tal-kuntrattur u ra li kien hemm bzonn ta' pedament sod peress li nstab it-tafal.

**44.7.02** Fil-ġnien għad fadal xogħol mill-kuntrattur tad-dwal u tal-kostruzzjoni qabel ma jista jitpoġġa t-tappiti u *play equipment*.

**44.7.03** Fix-xogħol ta' Triq Wied Sara hemm diversi materji pendenti. Fost dawn iċ-ċaqliq tal-arbli tad-dawl, xogħlijiet tal-Melita u tal-GO. Is-Segretarja talbet lill-perit tal-Kunsill l-istima għal dawn ix-xogħlijiet. Is-Sindku talab rendikont ta' dan il-proġett.

## 44.8 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti; u

**44.8.01** Quddiem il-Kunsill tressqet l-iskeda ta' pagamenti nru 8-44 biex tkun approvata mill-Kunsill. L-iskeda kif ippreżentata ġiet aċċettata mill-Kunsill. Kopja ta' din l-iskeda qed tinhemeż mal-minuti.

## 44.9 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

**44.9.01** Il-laqgħa ntemmet fit-9.20 p.m. u ġiet aġġornata għal nhar il-Ħamis 16 ta' Frar fis-7:00 ta' filgħaxija.

Konfermati, nħar il-Ħamis 16 ta' Frar 2023.

| | |
|---|---|
| **IFFIRMATA** | **IFFIRMATA** |
| Dr Daniel Attard<br>Sindku | Rita Mifsud Attard<br>Segretarju Eżekuttiv |